MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 246/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Pawlu Sant**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Pawlu Sant talli fil-31 ta’ Lulju 2002 ghall-habta ta’ bejn is-1.00 pm u s-2.00 pm waqt li kien fi Triq il-Qalb ta Marija, Wardija:

(1) Ikkaguna hsara volontarja fuq gizirana tad-deheb u “Choker” tad-deheb li huma proprjeta` ta’ Frances Camilleri u Noel Camilleri, liema hsara teccedi l-hamsin liri Maltin izda anqas minn hames mitt liri Maltin;

(2) Fl-istess data, hin, u lok ikkaguna feriti ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta’ Frances Camilleri u zewgha Carmelo Camilleri, skond kif iccertifikaw Dr. Miriam Vella MD, mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u Dr. Kristian Vella ta’ l-Isptar San Luqa (Dental Surgeon);

(3) Fl-istess data, hin, u lok kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba li, jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ soma flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-imsemmi Pawlu Sant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu ghal multa ta’ tliet mitt liri Maltin (Lm300) u *ammenda* ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10); inoltre rabtitu b’garanzija personali taht penali ta’ mitt liri Maltin (Lm100) biex bl-ebda mod ma jkellem jew javvicina lil Frances u Carmelo Camilleri;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Pawlu Sant pprezentat fis-26 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn huwa gie liberat mill-ewwel imputazzjoni, u tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah kemm mit-tieni kif ukoll mit-tielet imputazzjonijiet u fin-nuqqas tapplika piena anqas severa fil-konfront tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet li dwarhom instab hati huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta ma laqghetx id-difiza tal-*legittima difesa*; (2) li, minghajr pregudizzju, l-anqas ma laqghet id-difiza ta’ l-eccess tal-legittima difesa; (3) li t-tielet imputazzjoni hi preskritta.

L-ewwel zewg aggravji jehtiegu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**“The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word ‘unsafe’ should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a ‘lurking doubt’ as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**‘[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court’s powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**‘However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.’”**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, mill-atti jirrizulta illi l-appellant ma tax ix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti. Il-verzjoni tieghu pero` tirrizulta minn zewg dokumenti, l-okkorrenza tal-Pulizija (Dok. O a fol. 22) u l-istqarrija tieghu lill-Pulizija (Dok. S a fol. 24 u 25). Skond l-okkorrenza tal-Pulizija, l-appellant irrapporta hekk: *"Jien kont qed nahsel karozza fil-garaxx u f'daqqa wahda rajt lil ohti gejja b'oggett f'idha ghal fuqi. Jien dak il-hin inhsadt ghax hsibt li ser thebb ghalija bl-oggett li kellha u mbuttajtha. Imbaghad gew ir-ragel taghha u t-tifel Noel u kulhadd beda jaghtini. It-tifel qattaghli l-qmis li kelli fuqi (qmis safra). Qabel tlaqt biex nigi'l hawn Karmnu heddidni li kien ser jisparali. Dan mhux l-ewwel darba li heddidni li jisparali."* Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija qal li ma kien ser jirrispondi xejn dwar l-incident in kwistjoni. Ikkummenta biss: *"Inti tahseb li jien niflah ghal tlieta min-nies?"* u cahad li kien heddidhom li ser jisparalhom.

Mill-banda l-ohra hemm ix-xiehda guramentata tat-tliet persuni li maghhom l-appellant kellu l-incident. Il-verzjoni ta' **Frances Camilleri**, oht l-appellant, bazikament tikkonferma dak li qalet lill-Pulizija (liema verzjoni tirrizulta mill-okkorrenza Dok. O a fol. 22). Hija qalet illi fil-gurnata in kwistjoni waslet bil-karozza taghha u minhabba xi vetturi ta' l-appellant ma setghetx tidhol fil-garaxx taghha. Qalet li l-ewwel daqqet il-horn imbaghad talbet ragel li kien hemm biex jitlob lill-appellant – li jigi huha – inehhi karozza minnhom izda inutilment. Tefghet il-karozza

ghad-dritt, dahlet id-dar mnejn l-ewwel cemplet l-ghassa tal-Mosta izda ma qabditx imbaghad cemplet l-ghassa tal-Qawra fejn kelmet lil 698 (ma tghidx hux P.C. jew P.S.) li qal li se jcemplilhom hu. Meta ghaddiet nofs siegha u ma gie hadd, qabdet il-*camera* u harget biex tiehu ritratt. L-appellant raha u qabez fuqha bhal tigra fit-triq u beda jtiha filwaqt illi ghafset il-*camera* maghha biex ma jkissirilhiex. Hija bdiet tghajjat ghall-ghajjut. Hi spiccat ma' l-art fejn beda jkaxkarha u jtiha bis-sieq. Meta tfaccaw zewgha u binha waqaf itiha. Hija esebiet ic-certifikati medici li juru l-offizi li garrbet u qalet illi anke bdiet taghmel id-demm ghax laqtilha l-kliewi.

**Carmelo Camilleri**, li jigi r-ragel ta' Frances, xehed illi fil-gurnata in kwistjoni martu kienet marret iggib liz-zija mill-Isptar u meta rritornat ma setghetx iddahhal il-karozza fil-garaxx minhabba trakk ta' l-appellant. Dan sar jafu meta hi dahlet id-dar. Bdiet iccempel l-ghassa tal-Mosta u ma qabditx, imbaghad cemplet l-ghassa ta' Bugibba fejn qabdet u qallha li ser jiehdu hsieb. Wara qaltlu li ser tohrog tiehu ritratt halli jekk jigu l-Pulizija ma jahsbux li waqqajnihom ghac-cajt. X'hin harget, semaghha tibki u twerzaq. Hareg jittawwal u sab lill-appellant jaghtiha bis-sieq go l-istonku bis-*safety shoes* u jigbidha minn xagharha. Hu mar biex jifridhom. Kellu idu diga` mwegga' minhabba incident tat-traffiku u qabadhielu u lwijihielu u beda jghajjat li jispara ghalihom kollha u joqtolhom. Ix-xhud qal li beda jghajjat lil Noel, it-tifel, li tela' jigri u firdu. Dan ix-xhud qal li sofra offizi fuqu wkoll bid-daqqiet ta' ponn li l-appellant tah go wiccu konsistenti filli caqlaqlu darsa u anke fi tbengil. In kontroezami qal li ma kinux jitkellmu. Cahad li mar "ixarrablu" lill-appellant ghax hu mar biex jigbed ll martu lura u fl-istess hin l-appellant qabadlu idu u lwihielu u beda jaghtih. Meta wasal it-tifel, dan ferraq.

**Noel Camilleri** xehed li dakinhar sema' lil ommu tghajjat u tela' jigri u sab lill-appellant jaghti lilha u lil missieru u firidhom. Qal li l-appellant beda jtihom bil-ponn. Hu ma sofriex griehi izda tilef ic-*choker* li  kien liebes. Il-genituri tieghu jilqghu d-daqqiet kienu. Huwa ntlaqat bl-idejn x'hin

dahal f'nofshom izda lill-appellant *"ma xarrablux"* daqqa ta' ponn.

Minn din ix-xiehda jidher li l-incident inqala' minhabba l-agir irrazzjonali ta' l-appellant; fl-ewwel lok ghax ma ghogbux iressaq vettura li kellu qed tingombra d-dhul tal-garaxx tal-familja Camilleri u mbaghad billi hebb ghal ohtu ghall-ebda raguni plawsibbli. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li qal lill-Pulizija li nhasad ghax ra lil ohtu sejra fuqu b'oggett f'idejha meta kien qed jahsel karozza fil-garaxx huwa inverosimili. Jekk Frances Camilleri harget b'*camera* sabiex tiehu ritratt tal-vettura jew vetturi li kienu qed jingumbraw l-access ghall-garaxx, zgur ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn tidhol fil-garaxx ta' l-appellant bhalma donnu ried jaghti x'jifhem l-appellant. Wisq anqas ma jista' jkun kredibbli li sab ruhu msakkar fil-garaxx tieghu stess mill-familja Camilleri. Din il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-appellant ma gharafx x'kellha f'idejha ohtu u tqis biss skuza dak li qal li haseb li kienet ser thebb ghalih. L-ewwelnett fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ma jistax jitwemmen meta jghid li kull ma ghamel hu kien li lil ohtu mbuttaha, peress illi n-natura ta' l-offizi li garrbet mhumiex kompatibbli ma' mbuttatura izda kompatibbli ma' dak li xehdet Frances Camilleri li ghamlilha u ma' dak li xehed Carmelo Camilleri. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward hi importanti x-xiehda tat-tabiba **Dr. Miriam Vella** li qalet li meta ezaminat lil Frances Camilleri, din kienet qed tbati minn ugiegh fin-naha tax-xellug taz-zaqq in-naha ta' fuq u inoltre meta ccekkjaw l-urina kien hemm xi demm. It-tabiba qalet li dawn il-griehi huma kompatibbli ma' *"blunt trauma"* fl-areja fejn hemm il-kliewi. Kellha wkoll xi slieh in-naha tal-lemin tal-mohh, selha fuq il-minkeb tax-xellug, selha fuq l-irkobba tax-xellug u s-sieq tax-xellug, xi selha fuq l-irkobba tal-lemin, xi grif fuq daharha u xi gundalli zghar fil-qurriegha tar-ras. Dak li ddeskriviet it-tabiba bhala griehi kompatibbli ma' *"blunt trauma"* huma indubitament kompatibbli ma' daqqa jew daqqiet ta' sieq bhalma Frances Camilleri qalet li qalghet u bhalma Carmelo Camilleri ra lill-appellant itiha. Is-selhiet huma wkoll kompatibbli ma' tkaxkir u Frances Camilleri fil-fatt xehdet li l-appellant kaxkarha. Imbaghad l-appellant qal lill-Pulizija li kulhadd beda jaghtih. Pero` ma ressaq l-ebda

prova ta’ xi offizi li seta’ garrab fuq il-persuna tieghu. Ghall-kuntrarju l-prosekuzzjoni ressqet provi inkonfutabbli dwar l-offizi li garrbu Frances u Carmelo Camilleri.

Mill-provi ghalhekk huwa evidenti illi Frances Camilleri giet aggredita mill-appellant minghajr raguni lecita, x’aktarx ghax kellu oggezzjoni ghall-fatt li hija marret tiehu xi ritratti – bhalma wiehed mir-ritratti esebiti minn Frances Camilleri, dak ta’ l-appellant jaghmel mossa vulgari, zgur jindika. Anke jekk l-appellant garrab xi offizi – haga pero` li, kif inghad, ma tirrizultax mill-atti u l-appellant l-anqas ma ressaq l-icken prova dwarha – dawn seta’ garrabhom biss fil-waqt li Carmelo Camilleri u Noel Camilleri marru jiddefendu lil Frances Camilleri wara l-aggressjoni ingusta fuqha mll-appellant. L-appellant ma jistax jargumenta illi kien qieghed jiddefendi lilu nnifsu meta kien hu li beda l-aggressjoni.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax li jezistu ragunijiet biex tbiddel l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti u b’hekk l-aggravji ta’ l-appellant fuq il-mertu ma jreggux u qed jigu respinti.

Kwantu ghall-aggravju li t-tielet imputazzjoni hi preskritta, filwaqt illi l-incident in kwistjoni sehh fil-31 ta’ Lulju 2002, jirrizulta illi l-akkuza giet registrata l-Qorti fl-14 ta’ Ottubru 2002 (meta kienu ghadhom ma ghaddewx tliet xhur), filwaqt illi l-ewwel seduta nzammet fid-19 ta’ Dicembru 2002 (’il fuq minn erbgha xhur mill-incident). Ma ngabitx prova mill-prosekuzzjoni li bejn l-14 ta’ Ottubru 2002 u l-31 ta’ Ottubru 2002 gie interrott il-perijodu preskrittiv ta’ tliet xhur applikabbli ghat-tielet imputazzjoni li hija kontravvenzjoni. Ghalhekk dan l-aggravju jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) u minflok tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tielet imputazzjoni preskritta u

b’hekk tilliberah minnha u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Fl-ahharnett, in vista ta’ l-ordni maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha sabiex l-appellant jintrabat b’obbligazzjoni tieghu nnifsu skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 u peress illi din l-obbligazzjoni ma saritx quddiem l-ewwel Qorti, ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------